MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1928/2002

**Francis Bonavia**

**Vs**

**Edwin Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' seba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm765) rapprezentanti prezz ta' kamra tas-sodda mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni qal li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut qal illi l-ammont mitlub huwa eccessiv.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ l-attur fejn jikkonferma li l-konvenut kien ordna l-kamra tas-sodda minghandu. Jghid illi l-konvenut kien hallsu hames mitt lira Maltin (Lm500) u ghalhekk fadal il-bilanc ta’ seba’ mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm765). Jghid illi l-ftehim isir billi huma jiftiehmu fuq ix-xoghol u hu jikteb il-ftehim izda l-konvenut ma jiffirmax. Jikkonferma li l-konvenut ordna l-ghamara minn fuq brochure.

Jghid ukoll illi meta kienet qed tinhadem l-istess ghamara l-konvenut kien imur jara x-xoghol u qatt ma lmenta.

Jghid ukoll illi meta lesta mill-istess xoghol hu qabbad xi nies tat-trasport u dan a spejjez tieghu. L-attur jikkonferma li l-armar kien sar minnu u dan ghaliex mar kemm-il darba u l-konvenut kien mghaggel.

Bonavia jghid ukoll illi l-konvenut kien ferhan meta tlesta x-xoghol. Meta l-attur hadlu l-karta bil-bilanc li kien ghad fadal il-konvenut m’accettax. Ilmenta l-ewwel darba l-konvenut wara tlett gimghat u dan ghaliex kien gab lil xi hadd li jifhem fl-ghamara.

Jichad illi l-partijiet kienu ftiehmu sabiex l-ucuh ikunu *solid oak*. Jghid illi l-ewwel darba, l-ftehim kien ta’ tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850) izda meta l-konvenut iddecieda biex jaghmilha *oak* il-prezz ghola ghal elf u mitt lira Maltin (Lm1,100).

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li vera fil-bidu ried ix-xoghol tal-*pine* izda mbaghad riedu tas-*solid oak*. Jghid li l-partijiet ftiehmu fuq il-prezz ta’ tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850) u l-attur ikkonfermalu li x-xoghol kien ser isir *solid oak* barra l-gnub.

Jikkonferma li hu ma kienx ilmenta meta gablu x-xoghol minhabba li hu ma kienx jifhem u ghalhekk gab lil xi hadd li jifhem u qallu li l-ucuh kienu bic-*chipboard*. Vella jghid illi meta kellem lill-attur fuq dan, hu kien qallu li l-ucuh ma jsirux tas-*solid oak* izda meta mar ghand diversi mastrudaxxi ra hafna ghamara bl-ucuh tas-*solid oak*.

Vella jghid ukoll illi kien ftiehem ma' l-attur sabiex jiehu hsieb il-pumi izda meta gie x-xoghol kien hemm diga' t-toqob imtaqqbin. L-attur kien ressaqlu t-toqob, ghamel l-istock u zebghu. Jikkonferma li l-bibien mhux imdaqqsa.

Jikkonferma wkoll illi hallas hames mitt lira Maltin (Lm500) u ghalhekk fadal bilanc ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350). Jichad illi dawwar il-hsieb ghall-*oak* xi gimghat wara. Jghid li ddecieda ghall-*oak* meta l-attur mar ikejjel. Jichad illi ordna TV unit. Jichad ukoll illi kien imur darbtejn kuljum sabiex jara x-xoghol.

Ra x-xhieda ta' Carmen Catania li kienet prezenti meta l-attur mar ikellem lill-konvenut. Tikkonferma x-xhieda tal-konvenut. Tichad li ordnaw TV unit.

Ra r-Rapport ta' Laurence Farrugia li kien gie mahtur bhala Espert in konnessjoni ma' din il-kawza. Laurence Farrugia jikkonkludi kif gej:
"…wiehed jitlob li dawn id-difetti (msemmijin fir-Rapport tieghu) apparti l-ucuh, li semmejt, jigu rrangati bla hlas mis-Sur Bonavia. Dwar l-ucuh, jekk is-Sur Vella kien infurmat illi l-ucuh mhux se jkunu 'solid' u li l-metodu li juza s-Sur Bonavia biex iwahhalhom hu dak stabbilit, allura s-Sur Vella ghandu jaccetta. Jekk le, wiehed jista': jew li jitbidlu l-ucuh, u jsiru 'solid' kif jixtieqhom is-Sur Vella, jew inkella jitnaqqas ammont stabbilit mill-Qorti biex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Fl-opinjoni tieghi, s-somma ta' bejn hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) u mitt lira Maltin (Lm100) ghandha tkun adegwata."

Ra x-xhieda tal-Perit Laurence Farrugia fejn jikkonferma li l-konvenut ghandu jinghata bejn hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) u mitt lira Maltin (Lm100) bhala kumpens ghall-fatt li l-ghamara mhix *oak* mastizz. Jikkonferma wkoll illi kien hemm toqba sstokkjata li nesa' jnizzel fir-Rapport. Jghid li b'hamsin lira Maltin (Lm50) wiehed seta' jirranga d-difetti li ra.

Jghid illi l-konvenut b'mija u hamsin lira Maltin (Lm150) massimu ghandu jirranga d-difetti kollha.

Ghaldaqstant billi r-Rapport tal-Perit, kif spjegat fix-xhieda tieghu hu ragunevoli, jilqa’ in parte l-eccezzjoni tal-konvenut, inaqqas l-ammont mitlub mill-attur bl-ammont ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta’ sitt mija u hmistax-il lira Maltin (Lm615).  Il-konvenut ghandu jhallas 5/6 ta’ l-ispejjez tal-kawza filwaqt li l-attur ghandu jhallas 1/6 ta’ l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------